# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Fl-atti tal-Appell Nru: 248/2016

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Matthew Abela**

Seduta tal-4 ta' Lulju, 2019.

**Sentenza wara rikors ta' denunzja ta' Ufficcjal tal-Probation.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation tat-12 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tiehu dawk il-mizuri xierqa u opportuni fil-konfront ta' Matthew Abela  wara li dan naqas milli joqghod ghall-ordinijiet u struzzjonijiet moghtija lilu;

Semghet lix-xhieda;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti processwali kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi b'sentenza tal-10 ta' Settembru, 2018, din il-Qorti kienet ikkundannat lill-Matthew Abela ghal-terminu ta' sena (1) prigunerija sospiz fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kif ukoll qieghditu taht ordni ta' supervizzjoni ta' Ufficcjal Sorveljanti ghall-istess perjodu fit-termini tal-artikolu 28G tal-istess Kodici;

2. Illi bir-rikors odjern, l-Ufficcjal tal-Probation assenjata b'dan l-inkarigu iddenunzjat lill-Matthew Abela ghas-segwenti ragunijet:

Illi Matthew Abela naqas milli jsegwi d-direttivi moghtija lilu mill-Ufficcjal tal-Probation;

Illi huwa ma zammx mal-pjan ta' kura mhejji ghalih minn diversi professjonisti;

Illi Matthew Abela naqas milli jimpenja ruhu sabiex jindirizza b'mod serju il-problema ta' droga li jinsab mahkum minnha.

3. Illi l-isfond tal-kwistjoni hawn devoluta hu li fl-10 ta' Dicembru, 2013 id-denunzjat Matthew Abela kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ta'hsara volontarja fuq vettura u talli zamm u garr arma li taqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Qabel ma erogat il-piena, l-Qorti semghet diversi xhieda waqt diversi seduti dwar il-possibilita' li l-imputat jinghata piena li ma tkunx wahda karcerarja. Minkejja li l-imputat ma kienx qed juri lilu nniffsu daqstant motivat, il-Qorti qeditu taht ordni ta' *probation* ghall-perjodu ta' tlett (3)

snin fit-termini tal-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta kif ukoll qeditu taht ordni ta' trattament fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali;

4. Illi wara rapport tal-Ufficcjal tal-Probation l-imputat rega ingieb quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri kontra tieghu in vista tal-aspett negattiv ta' dan ir-rapport. Irrizulta lill-Qorti illi l-imputat kien ghadu mahkum mill-vizzju tad-droga u ghalhekk ghazlet li titratta mieghu dwar ir-reati li taghhom kien misjub hati u kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' tnax-il xahar;

5. L-imputat appella minn dik is-sentenza ta' prigunerija quddiem din il-Qorti li wara li semghet xhieda dwar il-problema tieghu ta' droga biddlet il-piena f'wahda ta' sena prigunerija sospiza ghall-zmien sena fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u fit-termini tal-artikolu 28G tal-istess Kodici qeditu fuq Ordni ta' Supervizzjoni ta' Ufficcjal Sorveljanti ghall-istess zmien ta' sena;

6. L-imputat rega' ingieb quddiem din il-Qorti din id-darba fuq rapport tal-Ufficcjal tal-Probation bl-ilmenti kif riprodotti fil-parti inizzjali ta' din is-sentenza. L-Ufficjal tal-Probation xehedet illi l-imputat mhux qed izomm mal-ordnijiet taghha: minn 28 appuntament attenda biss ghal-disgha u pproduca certifikat mediku dwar erbgha minnhom biss. Minn dak li semghet il-Qorti, l-imputat qieghed jevita l-kuntatt mal-Ufficcjal tal-Probation bl-iskuza li jkun xoghol meta ilu ufficcjalment dizokkupat mill-14 t'Ottubru, 2018. Irrizulta pozittiv ghall-konsum ta' droga eroina u kokaina kemm il-darba u ma jridx jarrwola fi programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Kienu mfassla diversi

pjani ta' kura ghalih izda dawn qatt ma mmaterjalizzaw minhabba in-nuqqas ta' motivazzjoni tieghu. L-ahhar test tal-urina tieghu sar fis-17 ta' Gunju 2019 u dan ukoll irrizulta pozittiv ghad-droga eroina u kokaina;

7. Illi bhalma kien ritenut f'sentenza ohra taghha llum, din il-Qorti qatt ma taqta' qalbha minn hadd, pero' ghandha ukoll ir-responsabilita' li tara li r-rizorsi ghal persuni fic-cirkostanzi tad-denunzjat li naturalment ma humiex infiniti jkunu miftuha ghall-kull minn verament jixtieq li jeghleb il-vizzju, altrimenti tkun qed tiehu post haddiehor li jista' tabilhaqq jibbenefika minnu. Id-denunzjat ghadu ma mmaturax f'dan il-hsieb u din ir-realta' tant li issa qed ikun ta' perikolu lilu nniffsu u il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju ghandha titratta mad-denunzjat ghar-reati li dwarhom instab hati. Din il-Qorti temmen fermament f'sistema gradwatorja fil-pieni, skond il-kaz, meta jinghataw sabiex il-hati jifhem jew tifhem illi aktar ma jippersisti fi triq il-hazin aktar tonqos il-possibilita' ta' klemenza. Naturalment hemm minn jintebah wara diversi kundanni u xorta jinghata opportunita' meta jkun proprju fix-xifer u hemm minn hataf dik l-opportunita' u rnexxa fi triq it-tajba hieles jew hielsa mill-hakma tad-droga u tal-kriminalita' u llum huwa cittadin denju;

8. Fil-kaz odjern, l-imputat qieghed hu stess, bl-attitudini tieghu, jitlob lil din il-Qorti li ma tkunx aktar miti mieghu u din il-Qorti hija konvinta illi hadd hlief hu stess ma hu responsabbli ghan-nuqqas tieghu li jzomm mal-ordnijiet tal-Ufficcjal tal-Probation liema nuqqasijiet din il-Qorti tqis bhala serji bizzejjed biex taghmel dak ravvizat fl-artikoli 28A u 28G (9) tal-Kodici Kriminali;

9. Ghalhekk tiddisponi minn dan ir-rikors billi ddahhal fis-sehh it-terminu ta' **<u>sena (1) prigunerija</u>** li in forza tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Settembru 2018 kien sospiz ghal zmien sena fit-termini tal-artikolu 28A kombinat ma' Ordni ta' Supervizzjoni fit-termini tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali, liema terminu ta' sena prigunerija jibda jiddekorri mil-lum;

10. Il-Qorti tawgura li l-hati jitulizza dan iz-zmien sabiex jirrifletti fuq il-futur tieghu bil-konsapevolezza li ghad fadal tama ghalih u li ghandu ghad-disposizzjoni tieghu l-ghajnuna kollha li din il-Qorti tista' toffri bis-sahha tal-istituzzjonijiet u professjonisti li jaghmlu maghhom jekk verament juri il-motivazzjoni sinciera.